

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA  
Vjenna, 21 ta' Ġunju 2018

## **Rekords aħjar biex jgħinu fl-appoġġ lill-vittmi ta' reati ta' mibegħda**

**Reġistrazzjonijiet aħjar ta' reati ta' mibegħda fl-UE kollha se jgħinu lill-Istati Membri jkomplu jiġiġieldu din il-problema persistenti. L-aktar rapport riċenti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jipprovdi evidenza ċara ta' dak li l-Istati Membri digħi qiegħdin jagħmlu b'suġġerimenti dwar kif jistgħu jittejbu.**

*"Kwalunkwe sistema ta' reati ta' mibegħda hija tajba biss daqs l-informazzjoni li tirċievi,"* jgħid id-Direttur tal-FRA [Michael O'Flaherty](#). *"Biex jibagħtu messaġġ qawwi u ċar li l-mibegħda mhux se tiġi ttollerata fl-Ewropa, l-Istati Membri jeħtieġ li jkunu saħansitra aktar intelliġenti fl-approċċ tagħhom biex ikej lu l-kriminalità ta' mibegħda. Dan ir-rapport utli huwa riżorsa ewlenija biex tiggwida dawk l-isforzi."*

Sthħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni, bħal dawk imwettqa mill-FRA, ikompli jenfasizza kif reati ta' mibegħda u l-fastidju mmotivat mill-mibegħda lejn bosta gruppi — il-migranti, il-persuni LGBTI u l-minoranzi — jippersistu fl-UE kollha. Madankollu, statistika ufficjalji raramment tgħid l-istess storja li ddgħajnej il-fiduċja tas-soċjetà fis-sistemi li qiegħdin hemm biex jipproteġuha.

Ir-Rapport '[Hate crime recording and data collection practice across the EU \(Ir-Reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda u l-prattika ta' ġbir ta' data fl-UE kollha\)](#)' juri kif il-pulizija, il-leġiżlaturi u dawk li jfasslu l-politika nazzjonali jagħrfu l-ħtieġa li tittejjeb ir-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda. Huma jirrikonox Xu li dan ser jgħin biex jonora l-impenji tal-Istati Membri biex jiġiġieldu l-preġudizzju u joħolqu soċjetajiet inklużivi.

Il-ħarsa ġenerali tar-rapport ta' prattiki fit-28 Stat Membru kollha tibni fuq l-attivitajiet tas-[subgroup on methodologies for recording and collecting hate crime data \(sottogruppo dwar metodoloġiji għar-reġistrazzjoni u l-ġbir ta' data ta' reati ta' mibegħda\)](#) u l-[online compendium of practices \(kompendju online ta' praktiki\)](#) tal-FRA. Abbażi ta' dawn il-prattiki, ir-rapport jissuġġerixxi kif l-Istati Membri jistgħu jittejbu:

- Għandhom jiġbru data dettaljata dwar id-diversi preġudizzji wara r-reati ta' mibegħda. 15 biss bħalissa jikkategorizzaw id-data tagħhom ta' reati ta' mibegħda. Dettalji bħal dawn jippermettu lill-pulizija biex timmonitorja kemm ir-reazzjonijiet tagħhom huma effettivi u jistgħu jgħinu biex terġa' tinbena l-fiduċja fost il-komunitajiet.
- Għandhom iwettqu stħarriġ regolari dwar il-vittimizzazzjoni biex ikollhom għarfien aħjar tas-sitwazzjoni nazzjonali. Disa' Stati Membri biss jagħmlu stħarriġ bħal dan b'mistoqsijiet spċċifikament dwar ir-reati ta' mibegħda.
- Huma għandhom jikkapitalizzaw fuq l-għarfien tas-soċjetà cивili billi jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-forzi tal-pulizija u s-soċjetà cивili f'oqsma bħat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni.

- Il-forzi tal-pulizija għandhom jiżguraw li kultura aktar tolleranti tinfirex fil-livelli kollha tas-servizz tagħhom biex trawwem ir-rispett u l-fehim usa' lejn vittmi potenzjali ta' reati ta' mibegħda.
- L-uffiċċjali tal-pulizija għandhom dejjem jevalwaw jekk ir-reati jiġux immotivati minn mibegħda biex jiżguraw li r-reati jistgħu jiġu mħarrka b'mod xieraq. 15-II Stat Membru diġà pprovdew lill-uffiċċjali tagħhom bi ftit gwida; oħrajn għandhom jagħim lu l-istess.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġebok ikkuntattja lil:** [media@fra.europa.eu](mailto:media@fra.europa.eu) / Tel.: +43 1 580 30 642